# WARDA MIDBIELA

*Ta'* C. GAUCI

*Lill-maħbub Direttur ta' "Il-Malti"*
*Professur Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*

Werqietek imdendlin, rasek imgħaddsa
Milwija tnejn, ħarstek lejn l-art mitfugħa;
Il-fwieħa minnek għebet, bdejt titfarfar
Spiċċat minn fuqek il-kburija... l-bluha.

Kemm kont sabiħa mita dħalt fil-ġnejna!
Rajtek fuq tiegħek u tgħaxxaqt b'kulurek;
Lilek għażilt minn kemm kien hemm miftuħa
Minn kollox tidher kont tisboq lil ħutek.

Ma ngħoddx kemm kienu dawk illi għoġobthom
Min fil-kulur, min fl-għamla, fil-kburija;
Ma' tul it-triq kulħadd idawwar ħarstu,
Għajnejh ipaxxi, jroddlok kull foħrija.

U issa x'baqa' minnek fjura mċajpra?
Kien żmien li kont iżżejjen xi vetrina;
Il-lum kulħadd iwarrbek, riħtek t'oqbra,
Mirfusa mis-saqajn taħt xi bankina.

Kemm tixbah warda 'l dik ix-xbejba mfarfra
Maqtugħa friska friska minn djul ommha;
Kulħadd jitpaxxa għall-bidu jħares lejha,
Jitgħaxxaq biha hekk kif tiftaħ fommha.

'Ma ż-żmien minn fuqha jgħaddi, u bħall-warda
Harsitha titfa' għall-art, tispiċċa l-bluha...
Mill-kulur tinża' w minnha tgħib il-fwieħa,
Jintilef dak il-ġmiel... titfaċċa l-kruha.